# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 245/2015**

Il-Pulizija

vs

**Oliver Borg**

iben Carmelo imwieled Pieta',  fl-24 ta' Lulju, 1975, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 386375(M)

Illum, 14 ta' Lulju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Oliver Borg quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer u cioe' fil-Mosta nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru, 2014, ghal habta tat-tlieta ta' filghodu (0300 hrs) :-

(1) volontarjament kiser il-paci pubblika b'ghajjat u/jew glied u/jew mod iehor;

(2) bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor;

(3) ikkometta reat li kellu jissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu dmir li jimpedixxi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' April, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338 (dd)(m) u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, laqghet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u ddikjarat l-kawza preskritta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fl-20 ta' Mejju, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha wara li tkun semghet il-provi ammissibbli skont il-ligi, thassar u tirrevoka s-sentenza u minflok issib lill-appellat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, illiberat lill-imputat mill-imputazzjonijiet relattivi wara li l-Qorti iddikjarat li din l-azzjoni kienet preskritta, meta fil-fatt skont il-ligi din l-azzjoni penali ma kienetx ghadha estinta bl-effett tal-preskrizzjoni u b'hekk l-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet ukoll applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-Ligi.
L-esponent jifhem li fil-kamp penali il-preskrizzjoni huwa istitut ta' *ordre public* u li huwa soggett ghal ligijiet procedurali specifici u ta' interpretazzjoni stretta. Illi madanakollu fil-kaz odjern l-imputat appellat kien jinsab akkuzat mhux biss talli wettaq il-kontravenzjonijiet kontemplati fl-artikoli 338(dd) u 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda kien ukoll akkuzat talli ai termini tal-artikolu 141tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkommetta reat li kellu jissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi. Illi l-Artikolu 141 jipprovdi li :-

> ***141.*** *Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi,* ***kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, <u>il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad.</u>***

Illi ai termini tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta r-reati jitqassmu f’delitti u kontravvenzjonijiet. Illi ghaldaqstant il-piena stabbilita ghar-reati kontemplati fl-artikoli 338(d) u 338(m) ghandhom jigu mizjuda bi grad.

Illi ai termini tal-artikolu 31(1)(g) tal-Kapitolu 9 :-

> *(g) it-tlugħ mill-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet isir għall-**piena tal-multa JEW ta’ priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn tliet xhur.***

Apparti minn hekk l-artikolu 689 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li :-

> ***689.** Għall-effetti tal-preskrizzjoni għandu jittieħed qies tal-piena li għaliha r-reat ikun ordinarjament suġġett, apparti minn kull skuża jew ċirkostanza oħra partikulari li, minħabba fiha, skont il-liġi, ir-reat ikun suġġett għal piena iżgħar; lanqas ma għandu jittieħed qies taż-żieda fil-piena minħabba reċidiva.*

Illi ghaldaqstant fl-umli fehma tal-esponent l-perjodu ta’ preskrizzjoni li huwa applikabbli f’dan il-kaz huwa dak kontemplat fl-artikolu 688(e) li jipprovdi li l-azzjoni hija preskritta :-

> *(e) bl-egħluq ta’ sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet.*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti giet infurmata permezz ta' nota li ggib id-data tal-4 ta' April, 2017 li l-parte civile qed tirtira l-kwerela originali li ta lok ghal din il-kawza.

Illi tali kwerela tista' tigi rtirat fi kwalunkwe stadju tal-proceduri anki jekk il-kawza tinsab fi stadju ta' apell.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz u tiddikjara l-procediment ezawrit.